MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2008

Talba Numru. 811/2007

**Talba Nru: 811/07VGD**

Mobisle Communications Limited (C24655).

Vs

Tiara Company Limited

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' erba u sebghin lira Maltin u tmienja u erbghin centezmu (Lm74.48) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess socjeta' konvenuta skond Client Contract number 1500954 in rigward ta' servizzi lilha rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhar ta' bejn

Novembru 2005 u April 2007. Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Lulju 2007, dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma dana l-att, u bl-imghaxijiet sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deheret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' mija, tlieta u sebghin Ewro u disa u erbghin centezmu (€173.49), ekwivalenti ghal Lm74.48, bl-imghax kif mitlub fl-Avviz. L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------